

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

## DIRETTORAT ĠENERALI – POLITIKA INTERNA

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

**Mistoqsija Orali nru. 12/6/2007 mis-Sur Chris Davies**

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Konformi mar-Regolament 187 tar-Regoli ta' Proċedura, jekk jogħġgbok hawn taħt issib mistoqsija orali lill-Kummissjoni.

Suġġett: **Stat ta' l-implementazzjoni tad-Direttiva dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw**

Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ELVs) kellha tiġi implementata sal-21 t'April 2002 (Artikolu 10(1)).

Evidenza riċenti<sup>[1]</sup> li saret disponibbli għall-Membri tal-Kumitat għall-Ambjent uriet ħafna difetti fl-implementazzjoni tad-Direttiva dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, eż:

- il-kwalità varjabbi ta' l-istatistika dwar l-iskrappjar ta' vetturi madwar l-Ewropa
- l-esportazzjoni ta' karozzi użati qabel ma jilħqu t-tmiem tal-ħajja tagħhom
- skrappjar ta' karozzi minn operaturi mhux liċenzjati; dan jimplika li r-rimi jsir b'metodi li jagħmlu ħsara lill-ambjent
- l-abbandun u l-iggaraxxjar ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw
- dewmien ta' implementazzjoni u miżuri ta' implementazzjoni li ma jirriflettux b'mod sħiħ l-iskop tad-Direttiva dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw
- żieda fl-ispejjeż għar-rimi ta' karozzi
- il-kumplessità t'arranġamenti amministrattivi
- nuqqasijiet dwar l-arranġamenti prattiċi għall-irtirar b'xejn, inkluż id-densità tan-netwerk ta' rimi u l-iffinanzjar

<sup>[1]</sup>[1] Konklużjonijiet totali ta' l-istudju tal-IEEP "Direttiva dwar karozzi li m'għadhomx jintużaw (ELV): evalwazzjoni ta' l-istat kurrenti ta' l-implementazzjoni mill-Istati Membri " li kien ikkummissjonat mill-PE u wieħed jista' jarah permezz ta'

[http://www.europarl.europa.eu/comparl/envi/externalexpertise/environment\\_en.htm](http://www.europarl.europa.eu/comparl/envi/externalexpertise/environment_en.htm)

- diffikultajiet biex jintlaħaq il-85 fil-mija ġhall-“użu mill-ġdid u rkupru” u l-mira ta’ 80 fil mijha ġħall-“użu mill-ġdid u riċiklaġġ sal-1 ta’ Jannar 2006, konformi ma’ Artikolu 7 (2) (a) tad-Direttiva dwar vetturi li m’għadhomx jintużaw (<sup>1[2]</sup>)
- diffikultajiet biex jiġu riċiklati l-ħġieġ, plastik u materjali oħra.

Kif jippruvaw l-Istati Membri li l-miri ġħall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru jintlaħqu? X’tip ta’ metodoloġija jużaw l-Istati Membri biex jiġġeneraw u jiġbru dejta bħal din?

Tista’ l-Kummissjoni tikkummenta dwar dawn in-nuqqasijiet?

---

27 t’April 2007

---

---

<sup>1[2]</sup> Nota: Kif previst mit-tieni sub-paragrafu t’Artikolu 7(2) tad-Direttiva dwar vetturi li m’għadhomx jintużaw, il-Kummissjoni ssottomettiet (f’Jannar 2007) rapport dwar il-miri referuti f’Artikolu 7(2)(b) li għandhom japplikaw għall-“użu mill-ġdid u rkupru” kif ukoll għall-“użu mill-ġdid u riċiklaġġ” sa mill-1 ta’ Jannar 2015 (dokumenti COM(2007)5, SEC (2007) 14, SEC (2007)15).